

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**tal-15 ta' Diċembru 2014****dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, u dwar l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll li jstabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika tal-Madagaskar u l-Komunità Ewropea**

(2014/929/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fil-15 ta' Novembru 2007, il-Kunsill adotta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 31/2008 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Madagaskar ⁽¹⁾ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim"). Il-Protokoll attwali għall-Ftehim jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2014.
- (2) Il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tinnegozja Protokoll ġdid għall-Ftehim (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Protokoll") li jagħti opportunitajiet tas-sajd lill-bastimenti tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd li fiha r-Repubblika tal-Madagaskar teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha. Wara dawn in-negozjati, il-Protokoll ġie inizjalat fil-19 ta' Ġunju 2014.
- (3) Sabiex tiġi żgurata l-kontinwazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni, l-Artikolu 15 tal-Protokoll jipprevedi l-possibbiltà li huwa jiġi applikat b'mod provviżorju minn kull Parti sa mid-data tal-iffirmar tiegħu, iżda mhux qabel l-1 ta' Jannar 2015.
- (4) Huwa xieraq li l-Protokoll jiġi ffirmat u li jiġi applikat b'mod provviżorju, sakemm jitlestew il-proċeduri neċessarji għall-konklużjoni tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar, fisem l-Unjoni, tal-Protokoll li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika tal-Madagaskar u l-Komunità Ewropea huwa approvat fisem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni ta' dan il-Protokoll.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa awtorizzat li jinnomina l-persuna jew il-persuni bis-setgħa li jiffirmaw il-Protokoll fisem l-Unjoni.

Artikolu 3

Il-Protokoll huwa applikat b'mod provviżorju, skont l-Artikolu 15 tiegħu, mid-data tal-iffirmar tiegħu ⁽²⁾, iżda mhux qabel l-1 ta' Jannar 2015, sakemm jitlestew il-proċeduri neċessarji għall-konklużjoni tiegħu.

⁽¹⁾ ĠUL 15, 18.1.2008, p. 1.

⁽²⁾ Id-data tal-iffirmar tal-Protokoll ser tiġi ppubblikata fl-Il Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Diċembru 2014.

Għall-Kunsill

Il-President

M. MARTINA
